


# Francesco Azopardi (1748-1809)

**Kompożitur Malti ta' Ħila … kien ukoll *Maestro di Cappella* tal-Mosta**

*Dr Joseph F. Grima Ph.D.*

Malta hi gżira ċkejkna iżda, minkejja ċ-ċokon tagħha, nisslet bosta nies li għamlu isem fil-ħajja artistika u kulturali, inkluż il-qasam mużikali. Illum, grazzi għal diversi riċerkaturi – b'mod partikolari għat-tliet volumi li ppubblika l-istudjuż u kantant liriku Joseph Vella Bondin flimkien ma' żewġ xogħlijiet oħra tal-kantant korista u riċerkatur Godwin G. Miceli – għandna f'idejna l-istorja ta' kif żvolġiet l-istorja tal-mużika f'pajjiżna nkluż bosta tagħrif riċerkat dwar kompożituri li għexu fi snin imbegħda. Ma nistgħux inħallu barra l-ħidma fejjieda ta' Mons Dun Ġwann Azzopardi bis-sejbien tal-arkivju mużikali tal-katidral tal-Imdina fl-1969, filwaqt li nżidu wkoll l-eżekuzzjoni ta' kunċerti ta' mużika ta' kompożituri Maltin tas-sekli sbatax u tmintax f'dawn l-aħħar tletin sena. Inħoss li f'din il-pubblikazzjoni annwali ta' soċjetà mużikali għandi nfakkar kompożitur u mużiċista kbir Malti li wkoll għamel ġieħ lil pajjiżna barra minn xtutna: qed nirreferi għal Francesco Azopardi (li kien jispelli kunjomu **b'z waħda u mhux bi tnejn** bħalma normalment hu magħruf dan il-kunjom), li fl-2009 ikkommemorajna t-tieni ċentinarju minn mewtu fl-1809.



*Pittura anonima ta' Francesco Azopardi li tinsab fil-Mużew Wignacourt tar-Rabat, Malta*

## Min Kien

Azopardi twieled ir-Rabat ta' Malta nhar il-5 ta' Mejju 1748, wieħed mis-sitt ulied tal-mastrudaxxa Salvatore Azopardi u Anna nee Agius. Minn dejjem kien iħobb jisma' l-mużika li kienet tindaqq fil-Katidral tal-Imdina fejn, dak iż-żmien, Dun Benigno Zerafa (1726-1804) kien ilu *Maestro di Cappella* mill-1744. L-ewwel studji mużikali tiegħu, fil-kant Gregorjan, ħadhom mingħand Don Giovanni Battista Zerafa, il-*maestro di canto fermo* tal-kolleġġjata tal-Grotta ta' San Pawl fir-Rabat. X'aktarx fl-1761, beda jistudja l-armonija ma' mużiċist-kompożitur magħruf ieħor, Dun Michelangelo Vella (1710-92), sakemm fl-1763 mar jistudja fil-*Conservatorio San Onofrio a Capuana* ta' Napli, l-Italja. Hemm studja taħt diversi *maestri* magħrufin, b'mod partikolari l-kompożizzjoni taħt Niccolò Piccinni, li kien figura importanti ħafna fl-iżvilupp tal-opra fl-Italja u fi Franza. Meta telaq mill-*Conservatorio*, ma ġiex lura Malta – ħlief biex iżur lill-familja – iżda baqa' jgħix Napli fejn kien jgħallem il-mużika, il-*pianoforte* u l-armonija fil-monasteri u lill-ulied ta' familji għonja sal-1774. Kemm dam Napli, ikkompona żewġ quddisiet, fl-1768 u fl-1770, waħda minnhom għal żewġ korijiet u dan flimkien ma' numru ta' xogħlijiet oħrajn.



*Dun Michelangelo Vella, wieħed mill-għalliema ta' Francesco Azopardi, fi tpinġija li dehret f'ħarġa ta' l'Arte, nru 77.*

F'Napli wkoll, fl-1772 ikkompona quddiesa oħra, *a quattro voci*, li ddedikaha u rregalaha lill-Kapitlu tal-Katidral tal-Imdina.

Sena wara, forsi minħabba li din il-kompożizzjoni ntgħoġbot ħafna, l-Isqof ta' Malta, Monsinjur Giovanni Carmine Pellerano, flimkien mal-Kapitlu offrielu l-post ta' organista fil-Katidral, li kien battal, flimkien mad-dritt li jilħaq *Maestro di Cappella* appena l-post ikun vakanti. Azopardi aċċetta u ġie lura Malta fis-sena ta' wara. Id-dmirijiet tiegħu nkludew it-tagħlim tal-*canto fermo* lill-kjeriċi u l-kompożizzjoni ta' xogħlijiet ġodda u d-direzzjoni tagħhom waqt funzjonijiet liturġiċi tant li l-ħlas totali tiegħu ta' 200 skud fis-sena kien ogħla minn dak tal-*Maestro di Cappella* attwali.

Dam organista tal-katidral sal-1787, meta rriżenja Dun Benigno Zerafa (li ngħata pensjoni) u allura laħaq *Maestro di Cappella* floku biex baqa' f'din il-kariga sa mewtu. Iżda, għalkemm ma kienx il-*Maestro* uffiċjali qabel l-1787, fil-fatt Zerafa kien ilu marid għal diversi snin qabel irtira u Azopardi kien jaqdi d-dmirijiet tiegħu ta' surmast flimkien max-xogħol ta' organista. Fl-1789, Azopardi kien ukoll attiv fil-Knisja Konventwali ta' San Ġwann, illum Kon-Katidral, li dak iż-żmien kienet il-knisja ewlenija tal-Ordni ta' San Ġwann li kien jaħkem fuq il-gżejjer Maltin. Għal din il-knisja l-Kavallieri kienu jagħżlu l-aqwa nies biex joffiċċjaw fiha u l-fatt li Azopardi ta servizz hemm juri kemm kien miġjub għall-ħila mużikali tiegħu. Azopardi kien ukoll *Maestro di Cappella* fir-Rabat pajjiżu, fil-Birgu, fil-Mosta, f'Ħaż-Żebbuġ u fiż-Żurrieq. Privatament, għallem diversi mużiċisti/kompożituri li 'l quddiem kisbu fama fil-qasam mużikali, fosthom Nicolò Isouard (1773-1818) li maż-żmien sar magħruf ħafna fi Franza fejn fil-fatt hu midfun, Pietro Paolo Bugeja (1772-1828) li laħaq *Maestro di Cappella* tal-Katidral wara Azopardi, Dun Giuseppe Burlon (1772-1856) tal-Birgu, Dun Giuseppe Principato (1772-c.1830) tal-Isla, u Dun Teodoro Piscopo ta' Ħaż-Żebbuġ.

Mat-tkeċċija tal-Ordni ta' San Ġwann minn Malta fl-1798, l-offiċjatura fil-Knisja Konventwali tal-Kavallieri bdiet issir mill-Kapitlu tal-Katidral u Azopardi tqabbad iservi fiż-żewġ knejjes. Biex jiffranka t-traġitti kontinwi mir-Rabat sal-Belt, Pietro Paolo Bugeja kien jissostitwixxih f'San Ġwann, dejjem bil-permess tal-Isqof Labini. Wara t-tluq tal-Franċiżi fl-1800, Azopardi baqa' jservi fiż-żewġ knejjes u fl-1803 ġie kkonfermat bħala l-*maestro di cappella* tagħhom it-tnejn u organista ta' San Ġwann, postijiet li żammhom sa mewtu.

Azopardi qatt ma żżewweġ u baqa' dejjem mehdi fid-dmirijiet mużikali tiegħu, l-aktar fil-Katidral li għalih kien jikkomponi, jagħmel il-provi lill-kappella mużikali, jidderieġi fil-funzjonijiet liturġiċi, u jgħallem il-mużika fl-iskola tal-katidral, l-aktar il-kant Gregorjan u l-mużika sagra lid-djakni. Dan apparti t-tagħlim privat li diġà rreferejna għalih. Kienet tieħu ħsiebu Teresa, oħtu xebba iżgħar minnu. Miet nhar is-6 ta' Frar 1809 f'dar fl-istess triq fejn twieled, li llum hi magħrufa bħala Triq l-Isptar, ir-Rabat (Malta), u ndifen fil-Katidral tal-Imdina.

**Kompożitur**

Azopardi kien kompożitur prolifiku u hu kkalkulat li minn idejh ħarġu mijiet ta' kompożizzjonijiet li l-biċċa l-kbira minnhom kienu xogħlijiet sagri. Biżżejjed wieħed jgħid li fl-arkivju mużikali tal-Mużew tal-Katidral fl-Imdina hemm madwar 250 biċċa minn dawn il-kompożizzjonijiet li magħhom

irridu nżidu numru ta' xogħlijiet mitlufin (uħud nafu isimhom u oħrajn le) flimkien ma' kompożizzjonijiet konservati f'arkivji mużikali oħrajn bħalma huma dawk tal-Katidral t'Għawdex, tal-Patrijiet Karmelitani, tal-Patrijiet Franġiskani Minuri (magħrufin bħala Ta' Ġieżu) u l-parroċċi tar-Rabat (Malta), il-Mellieħa u Birkirkara. Ikkompona madwar 76 biċċa bejn salmi, antifoni, innijiet, responsorji, u lamentazzjonijiet; madwar 70 motett; u 31 quddiesa li tlieta minnhom diġà semmejnihom. Dawn il-quddisiet jinkludu *Messa Pastorale* fl-1788 u tnejn fl-1792: quddiesa għall-festa tal-Konverżjoni ta' San Pawl tal-25 ta' Jannar u *Messa de Requiem* li kkomponieha għall-kommemorazzjoni funebri (li saritlu f'Malta) tal-Imperatur Awstrijak Leopoldu II (1790-92). Magħhom inżidu żewġ quddisiet *a otto voci* li ħarġu mill-pinna tiegħu fl-1776 u fl-1798.

L-antifoni mhumiex neqsin fir-repertorju ta' Azopardi, anzi diversi nkitbu għal xi parroċċa partikolari, inklużi lokalitajiet fejn kien il-*Maestro di Cappella*: *Levite Laurentius* għall-parroċċa ta' San Lawrenz tal-Birgu; *In Sepulchrum* għall-parroċċa ta' San Filep ta' Ħaż-Żebbuġ; *Sacerdos et Pontifex* għall-parroċċa ta' San Nikola tas-Siġġiewi; u



***Plakka fil-Mużew tal-Katidral, l-Imdina, li tirrappreżenta lil Francesco Azopardi.***

*Gloriosi Principes Terrae* għal pajjiżu r-Rabat fejn it-titular hu San Pawl. Għall-Katidral tal-Imdina kkompona l-antifona *Vade Anania* (1807 – forsi l-aħħar xogħol tiegħu?) għall-festa tal-Konverżjoni ta' San Pawl u titkanta minn tenur solo. Il-*Lauda Sion* tal-1793 hu xogħol sensittiv meqjus bħala wieħed mill-kapolavuri ta' Azopardi. Fl-1802 ikkompona oratorju sagru għat-teatru bl-isem ta' *La Passione di Cristo* fuq librett ta' Pietro Metastasio (1698-1782).

Dawn il-kompożizzjonijiet li semmejna huma biss għażla minn fost il-mużika sagra ta' Azopardi li kiteb ukoll kwantità mhux kbira ta' mużika profana, madwar ħmistax b'kollox. Biex nagħtu xi eżempji, naraw li fl-1775 ikkompona l-kantata *Malta Felice*; id-dwett *Nei Giorni Tuoi Felici* fl-1784; u l-opra buffa, f'att wieħed, *La Magica Lanterna*, għall-karnival tal-1791. Kompożizzjonijiet oħrajn, magħrufin bħala *sinfonie di chiese*, kienu xogħlijiet li la kienu intenzjonati għat-teatru u lanqas għal xi sala tal-kunċerti iżda maħsubin biex jindaqqu fil-knisja bħala daħla għar-riti liturġiċi bħal, ngħidu aħna, quddiesa solenni. L-użanza li jindaqqu dawn il-bċejjeċ fil-knejjes baqgħet ħajja f'Malta sa tmiem is-seklu dsatax, u forsi xi ftit snin aktar ukoll.

**Il-Pubblikazzjoni *Il Musico Prattico***

Bejn l-1782 u l-1785, Azopardi kiteb trattat fuq l-arti tal-kontrapont b'emfasi fuq il-prattika tal-armonija, kitba immirata għall-istudenti tal-mużika u li ntgħoġob ħafna tant li l-Franċiż Nicolas Etienne Framery ittraduċih u ppubblikah fl-1786 f'Pariġi. Fl-1816, Franċiż ieħor, il-mużikoloġista Alexandre Choron, irranġa t-traduzzjoni ta' Framery u reġa' ppubblikah fl-istess sena billi l-edizzjoni oriġinali kienet ilha eżawrita. Fl-1824 inħass il-bżonn li ssir it-tieni edizzjoni ta' dan ix-xogħol minħabba l-popolarità tiegħu. *Il Musico Prattico* ta' Francesco Azopardi hu l-uniku kitba minn idejn Malti dwar il-mużika li qanqlet attenzjoni importanti barra minn Malta. Bejn l-1801 u s-sena ta' mewtu, Azopardi rreveda u kabbar dan ix-xogħol tiegħu għad-doppju li kien qabel iżda dan it-trattat baqa' manuskritt u qatt ma ġie pubblikat, forsi kagun li mewtu seħħet qabel seta' jagħmel l-arranġamenti neċessarji. Iż-żewġ manuskritti ta' dawn ix-xogħlijiet, miktubin bit-Taljan, jinsabu fil-Librerija Nazzjonali ta' Malta u jġibu n-numri 328 (l-ewwel verżjoni) u 1153 (it-tieni verżjoni).

Dan ix-xogħol ta' Azopardi baqa' jitqies importanti fl-istudju tal-mużikoloġija tant li nkitbu żewġ teżijiet dottorali dwaru, waħda minn Mro Dr Dion Buhagiar għall-Università ta' Malta fl-1988 u l-oħra minn Oliver Brantley Adams għal *University of Texas at Austin* fl-1991.

**Tifkiriet**

Xi xogħlijiet ta' Azopardi daż-żmien nistgħu nsibuhom irrekordjati fuq CDs u min iħobb il-mużika klassika jagħmel tajjeb li jkollu xi xogħol ta' dan il-Malti fil-kollezzjoni tiegħu. Barra minn hekk, Azopardi jibqa' dejjem ħaj fid-diversi arkivji li diġà semmejna, iżda l-aktar fil-ġabra kbira tal-Mużew tal-Katidral tal-Imdina fejn il-mużika tiegħu ġiet studjata bir-reqqa minn studenti, riċerkaturi u diretturi tal-mużika kif diġà aċċennajna. Fl-aħħar nett, ta' min isemmi wirja dokumentata ta' tifkira li saret fi żmien l-anniversarju tal-mitejn sena minn mewtu fil-Mużew Wignacourt tar-Rabat, Malta, fl-2009. Tassew li Azopardi kien Malti li ħaqqu kull tifħir għal-livelli għoljin li rnexxielu jilħaq fil-professjoni tiegħu.



*Pietro Metastasio, li kiteb il-librett għall-oratorju sagru La Passione di Cristo b'mużika ta' Francesco Azopardi.*

**Tifsiriet ta' xi Kliem Tekniku**
(minn glossarju ta' Joe Vella Bondin)

Antifona: silta sagra qasira, meħuda l-aktar mill-Bibbja, reċitata jew kantata waqt funzjonijiet liturġiċi u l-uffiċċju divin.

Armonija: l-eżekuzzjoni flimkien ta' għadd ta' noti skont ir-regoli mużikali.

*Canto Fermo*: melodija diġà eżistenti li l-kompożituri tas-sekli erbatax sa sbatax kienu jużaw bħala bażi biex fuqha jibnu l-kompożizzjonijiet tagħhom.

Dwett: silta mużikali li titkanta minn żewġ persuni.

Kantata: xogħol mużikali għall-vuċijiet b'akkumpanjament strumentali.

Kant Gregorjan: il-kant tal-knisja, x'aktarx mingħajr akkumpanjament strumentali, kif irriformah il-Papa Gregorju I u li għadu jintuża fil-Knisja Kattolika.

Kappella Mużikali: grupp ta' kantanti u strumentalisti li jipprovdu l-mużika sagra waqt festi u riti reliġjużi oħra.

Kompożizzjoni: xogħol mużikali.

Kontrapont: it-tagħqid ta' żewġ melodiji jew aktar li flimkien jagħmlu sens mużikali.

Librett: it-test ta' opra, oratorju jew cantata, x'aktarx f'forma poetika, li jimmużikaha l-kompożitur.

*Maestro di Cappella*: is-surmast li jidderieġi l-mużika fil-knejjes u jikkomponi bċejjeċ ta' mużika adatti biex jindaqqu waqt funzjonijiet reliġjużi.

Motett: kompożizzjoni korali qasira wżata fil-knisja iżda li mhix parti mil-liturġija.

Mużikoloġija: l-istudju akkademiku tal-mużika.

Opra: tip ta' dramm li fih il-karattri jkantaw il-partijiet tagħhom.

Opra Buffa: opra li s-suġġett tagħha jkun komiku.

Oratorju: l-immużikar ta' test għal solisti, kor u orkestra, normalment f'aktar minn parti waħda. Ħa ismu mill-fatt li l-ewwel xogħol ta' dan it-tip kien ġie ppreżentat fl-Oratorju San Filippu Neri ta' Ruma.

Tenur: kantant bl-ogħla noti fit-tliet skali tal-vuċijiet maskili.